MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2003

Numru 482/2003

Il-Pulizija
(Sp Denise Mula)
vs
Ramadan Shaban Rgebi, iben
Shaban, imwieled Tripoli, Libya
fis-6 ta' awissu, 1982

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli matul l-aħħar jiem qabel id-29 ta' mejju, 2003, f'dawn il-Gżejjer, iffalsifika, biddel jew għamel xi tibdil f'passaport jew uża jew kellu għandu passaport li hu jaf li ġie falsifikat, imbiddel jew li sar tibdil fih;
2. talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokument ieħor falsifikat.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' mejju, 2003 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikolu 189 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal sena priġunerija.  Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali sentenza ma għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk fi żmien erba' snin mil-lum l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija.  Inoltre, tordna t-tneħħija tiegħu minn dawn il-Gżejjer.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------